Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Seduta tal-Gimgha, 1 ta' April 2016.

Appell numru:- 24/2014AE

**Erica Saliba**

**Vs**

**Francis Schembri u George Schembri bhala diretturi tas-socjeta Neputnes Bar and Restaurant u b'digriet tal-4 ta' Dicembru 2014 gew imsejha fil-kawza Francis Schembri u George Schembri**

L-attrici harket lill-konvenuti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghall-hlas ta' €2928.84, hlas dovut lilha ghax-xoghol li ghamlet f'Neptune Bar and Restaurant, Marsalforn, Ghawdex bejn Lulju u Awissu 2013.

B'sentenza tad-29 ta' April 2015 it-Tribunal illibera mill-osservanza lis-socjeta' konvenuta u lil George Schembri u kkundanna lill-konvenut Francis Schembri sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' €2,928.84 bl-imghax mill-4 ta' Dicembru 2014.

Francis Schembri appella mis-sentenza u l-aggravji huma:/

1. Il-preskrizzjoni hi dik kontemplata fl-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili.
2. Inoltre meta l-appellant qal il-kliem *"Ma rridx inhallsek"*, ma kienx qieghed jirrikonoxxi li kien debitur tal-attrici. Ghalhekk dik id-dikjarazzjoni m'hijiex prova li minnha setghet hadet xi beneficcju l-attrici biex tirribatti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.
3. Ghalkemm hu veru li l-imsejjah fil-kawza ma kkontestax il-hlas li tippretendi l-attrici, is-somma giet kalkolata minn ufficjal tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impieg fuq verzjoni li tat l-attrici. L-attrici stess qalet li ma kinitx f'posizzjoni tghid x'kienu l-hinijiet li suppost hadmet.

L-appellata wiegbet permezz ta' risposta li pprezentat fil-11 ta' Gunju 2015 (fol. 68) fejn qalet li:-

i. F'dan l-istadju l-appellant ma kellux dritt li jerga' jissolleva eccezzjoni ta' preskrizzjoni li kienet diga' giet michuda mit-Tribunal.
ii. M'hemmx raguni ghalfejn din il-qorti ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal.

iii. L-ammont dovut lill-attrici gie kkalkolat minn Domenic Grech, ufficjal tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impiegi li ddikjara li l-kalkolu li ghamel hu bazat fuq taghrif li tatu l-attrici. Ghalkemm l-appellant ghamel referenza ghall-attivita' llegali, mid-deposizzjoni tal-attrici rrizulta li kienet tat id-dokumentazzjoni lil Frank Schembri sabiex ihaddimha skont il-ligi, pero' min-naha tieghu ma kienx ghamlilha ktieb tax-xoghol.

Wara li l-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti tosserva:-

1. Ma sarx appell minn dik il-parti tas-sentenza li lliberat mill-osservanza tal-gudizzju lis-socjeta' konvenuta u lil George Schembri. Ghalhekk fil-konfront taghhom is-sentenza hi gudikat.

2. L-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili jipprovdi li hi preskritta bl-eghluq ta' sena:

   *"l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, ta' l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata, ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu"*.

   Ghal dak li huma fatti:-

   i. L-attrici qeghdha tippretendi hlas ghax-xoghol li ghamlet fl-istabbiliment Neptune Bar and Restaurant, Marsalforn matul ix-xhur Lulju u Awissu 2013.
   ii. Fil-11 ta' Lulju 2014 ipprezentat il-kawza.
   iii. Fl-4 ta' Dicembru 2014 gie msejjah fil-kawza Francis Schembri.

   It-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghaliex:-

   i. Fit-twegiba ma giex dikjarat il-paragrafu tal-Artikolu 2147 tal-Kodici Civili li fuqu giet ibbazata l-eccezzjoni.
   ii. F'kull kaz irrizulta li f'Awissu 2014 Frank Schembri qal lill-attrici *"ma rridx inhallsek"*. Il-qorti tinnota li wkoll jekk dik id-dikjarazzjoni tista' titqies bhala att interruttiv, jibqa' 'l fatt li Frank Schembri gie kkjamat fil-kawza fl-4 ta' Dicembru 2014 u ta ruhu b'notifikat bit-twegiba li pprezenta fis-7 ta' Novembru 2014. Ghalhekk dik id-dikjarazzjoni qatt ma setghet kienet ta' beneficcju ghall-attrici biex tirribatti l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

   Fil-fehma tal-qorti l-eccezzjoni ma tirnexxix ghaliex ma giex ippruvat li l-attrici kienet tithallas bix-xahar jew bil-gurnata u rrizulta biss li l-attrici kienet tithallas €4.50 fis-siegha. Fil-fatt l-attrici xehdet li kienet tahdem fil-kcina u ddum hemm sakemm jaghlqu (fol. 14). L-oneru kien fuq l-appellant li bi provi juri li ghall-kaz japplika l-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili.

   Ghaldaqstant tichad l-aggravji relatati mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

3. Mir-rikors tal-appell ma jirrizultax li Francis Schembri ressaq aggravju dwar dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal ikkonkluda li kien il-legittimu kontradittur. Madankollu ghalkemm l-appellant xehed li ibnu kien jimpjega n-nies (fol. 52), ibnu (Roderick Schembri) xehed li missieru kien jimpjega n-nies (fol. 29). Xehedet ukoll Maria Apap, li matul Gunju u Lulju 2013 hadmet fl-istess post u kkonfermat li Francis Schembri kien impjegaha (fol. 31). Verzjoni li tikkorabora dak li xehedu l-attrici u Roderick Schembri.

4. Fir-rigward tal-aggravju relatat mal-*quantum* dovut lill-appellata, kieku ried l-appellant kellu kull opportunita' li quddiem it-Tribunal jirribatti l-provi li ressqet. Pero' baqa' passiv tant li lanqas ma ta eccezzjoni. Ghalhekk ma jistax jippretendi li dak li m'ghamilx quddiem it-Tribunal jipprova jaghmlu fi stadju tal-appell. L-appellant ma ressaq l-ebda argument li jista' jwassal lil din il-qorti biex tiskarta l-provi li ressqet l-appellata u l-konkluzjoni tat-Tribunal. Irrizulta wkoll kif il-likwidazzjoni (Dok. DS1 a fol. 39A) saret a bazi ta' taghrif li l-appellata tat lil Domenic Grech, ufficjal tad-Dipartiment tax-Xoghol u Impiegi (fol. 40 u 41).

   Ghaldaqstant tichad it-tielet aggravju.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur